MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-16 ta' April, 2003

Numru 319/2003

**Artikoli 95, 96, 338(dd), 338(ee) u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**VICTOR STELLINI**

**Seduta ta' llum, 16 ta' April 2003**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VICTOR STELLINI** ta' hamsa w ghoxrin sena, bin Francis u Victoria nee Raggio, imwieled Pieta nhar s-sitta ta' Jannar 1978 u joqghod 40/3, Triq Spinola, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 63078M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar l-hmistax ta' April 2003 ghall-habta ta' nofsinhar nieqes kwart gewwa l-Ghassa ta' San Giljan, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghal ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe kontra PS 547 M. Agius, PC 901 C. Attard, PC 1244 N. Sant;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' whud inkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu tali servizz jew bi hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe fuq il-persuna taq' PS 547 M. Agius;

3. Talli fl-istess dta, lok, hin u cirkostanzi voluntarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtoritajiet jew ta' persuni li jkunu inkarigati minn servizz pubbliku jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor indahal fi dmirijiet taghhom billi ma halliex lil minn hu inkarigat jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi;

5. Talli kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-Surgent 547 M. Agius u fuq il-persuna ta' Michel Frank Stellini kif ccertifika Doctor Kevin Zammit tal-isptar San Luqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni ta' PS 547 M. Agius, PC 901 C. Attard, PC 1244 N. Sant u ta' Michel Frank Stellini taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istatement rilaxxat mill-imputat a tempo vergine u cioe nhar il-hmistax ta'

April 2003 esibit fl-atti markat bhala dokument CSH u l-fedina penali tal-istess imputat markata bhala dokument CSH 5.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sittax ta' April 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena il-Qorti ikkunsidrat dak li gie registrat fl-atti fis-seduta ta' llum u cioe li l-imputat ghandu problema familjari severa t'imgieba ma huh Michel wiehed mill-vittmi odjerni.

Rat li l-imputat skuza ruhu fil-konfront tal-Ufficjali tal-Pulizija u cioe PS 547 M. Agius, PC 901 C. Attard, PC 1244 N. Sant u li l-istess Ufficjali tal-Pulizija accettaw tali skuza u fil-fatt hafru lil istess imputat.

Ezaminat ic-certifikati medici esibiti fl-atti maghmula fil-konfront ta' PS 547 M. Agius u Michel Stellini u jirrizulta li l-feriti huma ta' natura hafifa u in effetti huma ta' importanza zghira.

Ikkunsidrat wkoll l-fatt li Father Jesmond ta' Dar Osanna Pia, ta' Strada Rodolfo f'Tas Sliema huwa lest li jaccetta lil imputat bhala residenti tieghu u li l-istess imputat huwa lest li jghix mas-Salesjani u joqghod ghal kull ordni ta' supervizzjoni ghal zmien li din l-Qorti tikkonsidra xieraq.

Semghet lil istess imputat jobbliga ruhu li mhux ser jimmolesta u jingurja lil istess Ufficjali tal-Pulizija.

Ghalhekk filwaqt li tiddikjara l-agir tal-imputat bhala wiehed abbuziv u kundannabbli fil-konfront ta' Ufficjali tal-Pulizija Ezekuttiva il-Qorti thoss li m'ghandiex tinfliggi fuqu piena karcerarja.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 95, 96, 338(dd), 338(ee) u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed ssib lil imputat VICTOR STELLINI hati tal-akkuzi kif addebitati lilu u fuq ammissjoni tieghu stess tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erbgha snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghalhekk ai termini tal-artikolu 28(g)(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tpoggi lil imputat taht ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu ta' erbgha snin u ghal dan l-ghan qed tinnomina lil Ufficjal ta' Supervizzjoni Mary Grace Vella.**

**L-imputat ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Ufficjal ta' Supervizzjoni Mary Grace Vella skond d-direttivi li din taghtih minn zmien ghal zmien u ghandu jibqa jghix f'Dar Osanna Pia, Strada Rodolfo, Tas Sliema sakemm jidhrilha xieraq l-istess Ufficjal ta' Supervizzjoni Mary Grace Vella.**

**Il-Qorti fissret l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat li ddikjara li fehem t-tifsira taghha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------